MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-23 ta' Frar, 2007

Numru 814/1999

Il- Pulzija
(Spettur Michael Mallia)

-vs-

Simon Chircop

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Simon Chircop, ta’ 30 sena, bin Joseph u Philippa nee Spiteri, imwieled f’Attard fit-28 ta’ Marzu 1968, u li joqghod Plymouth Flats, Flat 5 Testaferrata Street Gzira, numru tal-karta ta’ identita 168968M.

Talli:

Nhar id-29 ta’ Ottubru 1999 ghal habta ta’ 10.00p.m. f’Malta xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, u cioe mutur tal-ghamla Piaggo bin-numru tar-registrazzjoni DBF 927, li l-valur tieghu jeccedi s-somma ta’ Lm1000, mehuda b’qerq jew akkwistat b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghu jew imexxieh, u dan ghad dannu ta’ Michael Cilia.

U talli jinsab recidiv b’diversi sentenzi liema sentenzi huma definittivi.

Rat in- nota ta’ l-Avukat Generali u l-kunsens ta’l-imputat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu anke wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi ta’ ammissjoni u taghtu zmien biex jahsibha.

Rat l-artikoli 334, 279 u 289 kif ukoll l-artikoli 20, 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-fedina penali aggornata ta’ l-akkuzat.

Semghat it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u d-difiza dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat, fit-termini ta’ l-att tar-rinviju, hija dik ta’ ricetazzjoni aggravat bil-valur. L-imputat huwa akkuzzat ukoll li huwa recidiv b’diversi sentenzi.

Illi f’l-udjenza tas-27 ta’ Settembru 2006 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, liema ammissjoni giet konfermata waqt l-udjenza tat-22 ta’ Frar 2007 u konsegwentement l-imputazzjonijiet huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena il-Qorti tosserva li, kif jirrizulta mill-fedina penali ta’ l-imputat, dan instab hati ta’ diversi tipi ta’ reati li gew kommessi fuq medda ta’ snin. Fost dawn ir-reati

hemm dak ta' serq, attentat ta' serq u ricetazzjoni li ghalihom l-imputat diga gie kkundannat ghal piena karcerarja ta' sentejn. Dan il-perjodu jidher li ma tantx serva wisq bhala deterrent stante li wara r-rilaxx l-imputat ikkommetta diversi reati ohra.

Illi l-Qorti tosserva ukoll li l-imputat ammetta l-imputazzjonijet migjuba kontra tieghu pero' dan ghamlu snin wara li bdew dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 334, 279 u 289 kif ukoll l-artikoli 20, 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal-piena ta' prigunerija ghall-perjodu ta' sentejn, mill-liema perjodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat kien mizmum taht arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------